MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 554/2004

**Citadel Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Helen Axiak sia bil-polza sia bil-ligi**

**Vs**

**Elton Penza**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Lulju 2000 fejn ippremetta s-segwenti:-

"Illi fil-hdax (11) ta' Frar 1999 f'Tas-Sliema sehh incident awtomobilistiku bejn il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni JOE 191 misjuqa mill-konvenut u l-karozza bin-numru ta' registrazzjoni CAT 346 misjuqa minn Corinne Vella u proprjeta tal-assikurata Helene Axiak, li hija assikurata taħt polza *comprehensive* mas-socjeta attrici.

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas t'osservanza

tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, billi dan baqa' diehel minn naha ta' wara fuq il-karozza tal-assikurata, li bid-daqqa baqghet diehla u habtet mal-karozza ta' quddiemha u cioe dik bin-numru ta' registrazzjoni ICE 747 misjuqa minn Sean Micallef u proprjeta ta' Anton Micallef.

Illi 'n vista tal-imsemmija polza, s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut b'konsegwenza tal-istess incident.

Illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta attici b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi, jammontaw ghal elf erba' mija u sitta u ghoxrin lira maltin u tmien centesmi (LM1,426.08) kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Konsegwentement talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici.

2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' LM1,426.08 fuq imsemmija jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali ppresentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut kontra l-konvenut li hu ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-kawza odjerna hija wahda ntempestiva stante illi l-eccipjent ma giex interpellat sabiex ihallas l-ammont pretiz fic-citazzoni odjerna w ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-ispejjez tal-kawza odjerna.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici trid qabel xejn, tispjega kif waslet ghall-ammont hekk likwidat u pretiz fic-citazzjoni odjerna.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, id-danni hekk kif likwidati u pretizi fic-citazzjoni odjerna, huma esagerati u zgur mhux realistici.

4. Salv eccezzjonijiet ultejuri jekk ikun il-kaz.

Rat il-verbal tat-tlieta (3) ta' Novembru 2000 (fol. 12) fejn Dottor Carlo Vigna ghall-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta r-responsabilita ghall-incident w ghalhekk il-kawza giet differita ghall-likwidazzjoni tad-danni.

Rat in-nota tas-socjeta attrici datata ghaxra (10) ta' Jannar 2001 li permezz taghha esebiet numru ta' dokumenti, li gew imarkati bhala Dok. MA 1 fosthom ricevuti, ritratti, rapport w ittra mibghuta mis-socjeta assikuratrici Fogg fejn hemm indikat li l-konvenut ma kienx kopert b'polza ta' sigurta waqt l-incident fuq imsemmi.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 2001 xehed **Mark Axiaq** rappresentant tas-socjeta attrici fejn spjega d-dokumenti li gew esebiti mad-Dok MA 1. Qal ukoll li skond ittra li kienu ircevew minghand s-socjeta Fogg, l-konvenut ma kienx kopert b'polza ta' sigurta. Jaf li kien mar ikellimhom certu Joseph Penza, li jigi missier l-konvenut, u dan qallu li kien sorpriz kif is-socjeta Fogg wegbithom b'dak il-mod. Infurmah li huwa ma kienx sr jidhol bejniethom u li kien jinteressah biss, li jigbru flushom u cioe li jigu kumpensati tal-habta peress li fil-fehma tieghu, l-assigurata taghhom, ma kellhiex tort. Huma mbaghad daru l-*file* flimkien u dan Joseph Penza deher sorpriz lejn il-*quantum* tal-hsarat li sofriet Helen Axiaq, ghaliex ra li l-ammont kien gholi. Huwa talab lil dan Joseph Penza sabiex ihallashom tal-hsarat, izda huwa ma hallasx u kien ghalhekk li spiccaw il-Qorti. Jghid li lill-konvenut ma kitbulux qabel ma giet prezentata l-kawza odjerna, ghaliex huma kitbu lil Fogg peress li kien hu li ndika li s-socjeta assikuratrici tieghu kiebet il-Fogg.

Huwa kkonferma li Helen Axiaq kellha polza t'assikurzzjoni *comprehensive* u kellha kundizzjoni li jekk tiehu karozza tal-kiri, l-ammont ma kellux jeccedi LM100 u fil-fatt hija ma qabzitx dan l-ammont. Spjega li fil-fatt huwa s-*surveyor* li ghandu jiddecidi jekk l-karozza tissewwiex jew il-*parts* taghha jinbidlux.

Ix-xhud rega' xehed nhar l-ewwel (1) ta' Marzu 2001 u meta gie mistoqsi x'kien l-*insurance value* li kellha l-vettura, wiegeb li *file* quddiemu ma kellux, pero f'dik l-epoka l-valur kien ta' circa LM1,700. Ikkonferma wkoll li sakemm is-socjeta assikuratrici hadet id-decisjoni li ssewwi l-vettura, mal-konvenut kienet ghadha ma tkelmitx. Jghid li dan sar peress li l-vettura kienet koperta b'polza *comprehensive* u kien ghalhekk li kienu iddecidew li jsewwu mmedjatament. Mistoqsi ghaliex is-socjeta attrici m'interpellatx lill-konvenut ihallas qabel ma pprezentat il-kawza, x-xhud wiegeb li ma hassitx li kien hemm il-lok wara dak li kien qal missier l-konvenut lilu.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2001 rega' xehed **Mark Axiaq** u esibixxa kopja tal-ktieb imsejjah *Motor Vehicles Value Book* li jintuza mill-assikuraturi sabiex jaghtu valur approssimattiv ta' kull tip ta' vettura skond is-sengha tal-manifattura taghha. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. MA 19. Qal li dan il-ktieb jirreferi ghall-vetturi li hargu fis-suq fis-sena 1999 bhal dik li kienet assikurata mas-socjeta attrici. Ikkonferma ghalhekk li l-valur tal-vettura Daihatsu Charade dakinhar kien ta' LM1,600.

**Natalino Agius xehed** nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 2001, u spjega li xoghlu huwa li jistma l-hsarat fuq il-vetturi li jkunu nvoluti f'incidenti awtomobilistici. Fil-fatt huwa kkonferma li d-dokumenti MA 4, MA 5 u MA 6 huma is-*survey* tieghu w ikkonferma l-kontenut fl-intier taghhom. Ikkonferma wkoll li hu kien ghamel dan ir-rapport wara li kien gie hekk imqabbad mis-socjeta attrici sabiex jaghmel *survey* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT 346. Jirrizulta anke mir-ritratti esebiti, li l-hsara kienet kemm fuq in-naha ta' wara kif ukoll fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura.

Ikkonferma li fuq il-post tal-incident, ma kienx mar, izda mill-esperjenza li ghandu f'dan ix-xoghol, jista' jghid li d-daqqa li sofriet l-vettura ta' Mark Axiaq kienet wahda fuq il-*panel* ta' wara u li sussegwentement bid-daqqa, din il-vettura x'aktarx li baqghet diehla fuq karozza ohra li kien hemm quddiemha. Qal li fir-rapport tieghu, hemm indikat liema huma l-*parts* fil-fehma tieghu, ghandhom jinbidlu. Qal li huwa qies ukoll l-valur tal-vettura fis-suq u peress illi kienet karozza mfittxija hafna, dehrlu li din kellha valur ta' circa LM2,000 fis-suq. Qal li l-vettura 'n kwistjoni kienet fi stat tajjeb qabel ma garbet il-hsarat bhala rizultat ta' dan l-incident. Mistoqsi jekk kellux ibiddel r-*radiator* tal-vettura jew setghax jghaddi bih, x-xhud wiegeb li ma kienx ghaqli li jissewwa, izda li kellu jinbidel. Mistoqsi jekk tkellimx mat-tellar waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol, wiegeb fin-negattiv u qal li mat-tellar tkellem biss fuq il-kwisjtoni ta' kemm kellu jdum jahdem fuqha, li f'dan il-kaz qal, li kien ser idum bejn disgha u ghaxart ijiem.

**Charles Debattista** xehed nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 2001 fejn qal li s-sengha tieghu hija dik ta' *panel beater* u *sprayer* u jahdem gewwa garaxx li jismu 'Charles Garage'. Muri r-ritratti li hemm esebiti fl-atti, jghid li dawk jindikaw il-hsarat li kien hemm fuq il-vettura li huwa hadem fuqha fi Frar 1999. Huwa ra d-dokument immarkat bhala Dok. MA 7 u qal li dik hija l-fattura li hareg huwa stess li tirraprezenta l-valur tax-xoghol li kien ghamel fuq il-vettura. Jghid li huwa thallas mis-socjeta Citadel Insurance u fil-fatt, wara li rcieva l-pagament, huwa hareg ricevuta fiskali.

Ikkonferma li l-*parts* li huwa biddel gew mghoddija lilu mis-socjeta IMP u huwa ma hallasx taghhom, hargu *invoice* u huwa ghadda l-istess lis-socjeta attrici. Muri wkoll id-Dok. MA 12, ix-xhud gharafha bhala ricevuta li tohrog mill-garaxx tieghu w ikkonferma li l-garaxx tieghu joffri servizz ta' kiri ta' karozzi sakemm huwa jkun ghaddej bix-xoghlijiet. Dwar ir-*radiator* pero jghid li kien huwa stess li xtrah minn Hal Qormi u kien hallas ghalih direttament w in segwitu kien gie kkumpensat mis-socjeta attrici.

Ikkonferma wkoll li kien hu li ta l-i*spray* lil vettura liema *spray* kienet *spray* metalliku.

Il-konvenut **Elton Penza** xehed fl-ewwel (1) ta' Marzu 2001, fejn qal li dakinhar tal-incident, it-triq kellha iz-zlieq u huwa baqa' diehel fil-vettura ta' Mark Axiaq li kienet wara karozza ohra u baqghet diehla go fiha. Il-hsara li kellu hu fil-vettura tieghu kienet minima. Qal li pero l-vettura li dahal fiha kellha hsara kemm quddiem kif ukoll fuq wara. Qal li l-vettura li kien qed isuq kienet registrata f'isem missieru w ghalhekk meta kien mar id-dar wara l-habta, kien informa lil missieru b'dak li kien gara u kien halla kollox f'idejh.

**Joseph Penza** xehed nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2001 w ikkonferma li nhar il-hdax (11) ta' Frar 1999 kien ircieva telefonata minghand ibnu Elton, li gharrfu li kien involut f'incident awtomobilistiku waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Pajero bin-numru ta' registrazjoni JOE 191. Huwa fehmu l-habta li kienet sehhiet u qallu sabiex jimla l-formoli tal-*bumper to bumper*.

Ftit wara li ibnu kelmu, huwa kien cempel lis-socjeta assikuratrici tieghu u cioe Fogg Insurance Agency u din gharrfitu li ibnu ma kienx kopert bil-polza li kellu. Wara certu zmien kien irceiva c-citazjoni odjerna u kien wara li rceva dan id-dokument, li mar ikellem lil Mark Axiaq. Dan qallu li ghall-ewwel is-socjeta Fogg kienet obbligat ruhha li thallas, izda wara certu zmien rega' bdiela u ma kienitx aktar propensa li thallas. Huwa ghalhekk talbu sabiex jaghtih prezz tajjeb dwar dan l-incident u kien lest li jdawwar il-poloz kollha li kellu mal-Fogg, maghhom. Pero appena sema' c-cifra, ra kienet gholja wisq ghaliex fil-fehma tieghu, kienet taqbez bi kbir il-valur tal-vettura u li b'dak li gie mitlub ihallas seta' jixtri vettura kundizzjonata izjed. Huwa gie mgharraf li l-valur ma setax jigi negozjat u kien ghalhekk li marru l-Qorti. Fil-fehma tieghu, l-valur tal-vettura li ibnu habat fiha, ma kienx aktar minn tmien mitt lira maltin (LM800).

Illi nhar is-sebgha (7) ta' Marzu 2002, ix-xhud qal li wara li kien mar ikellem lis-socjeta attrici, kien ha notament tal-

*parts* li nbidlu u kien mar direttament ghand is-socjeta IMP minfejn allegatament kienu xtraw il-*parts* w innota li l-valur li taghtu din is-socjeta IMP tal-istess *parts* kien inqas, kellhom valur ta’ LM321 (vide Dok. JP 2 a fol. 72) w ghalhekk kien hemm differenza ta’ l-fuq minn LM600 mill-ammont imsemmi mis-socjeta attrici. Qal li rega’ mar darb’ ohra u talab stima ohra u din id-darba l-istima kienet inqas ghaliex giet fl-ammont ta’ LM311 (vide Dok. JP 1 a fol. 71). Qal ukoll li mar ghand il-hanut tar-*radiators* gewwa Hal Qormi fejn allegatament sewwiet is-socjeta attrici, u sab illi *radiator* gdid jiswa LM35 (vide Dok. JP 3).

Nhar is-sebgha (7) ta’ Marzu 2002 xehed **Shaun Micallef** fejn qal li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta’ registrazzjoni ICE747 u fil-fatt, muri d-dokument a fol 16, huwa gharaf il-firma tieghu fuqu bhala s-sewwieq tal-vettura A. Qal li l-vettura li laqtitu, kienet tal-ghamla Daihatsu, pero hsara huwa ma kellux. Jiftakar li din il-vettura fil-fatt kellha hafna hsara.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-tmienja (8) t’Ottubru 2002 u appuntu fejn gie registrat li minhabba d-diskrepanza fid-dokumenti li gew esebiti mill-partijiet, ikun xieraq li jigi nominat perit tekniku u din it-talba giet milqugha b’digriet moghti nhar id-disgha (9) t’April 2004 meta gie nominat Joseph Zammit bhala espert tekniku.

Rat in-nota ta’ Elton Penza fejn wera’ x-xewqa li jipprevalixxi ruhu mll-artikolu 7 tal-Avviz Legali 9/2004 w ghalhekk talab li din il-kawza tigi trattata u deciza mill-Qrati tal-Magistrati.
Rat id-digriet tal-Qorti tat-erbatax (14) t’Ottubru 2004 fejn akkordat ix-xewqa tal-konvenut w ghalhekk l-atti gew rimandati quddiem din il-Qorti.

Illi nhar is-sittax (16) t’Ottubru 2007 xehed l-espert tekniku **Joseph Zammit** w ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet imarkata bhala Dok. JZ. Minn ezami tal-istess jirrizulta li fil-fehma ta’ dan l-espert, il-kont li hareg Charles Debattista, kien veritier meta qies in-natura tax-xoghol li kien involut. Jghid li l-kont komplessiv kien aktar minn elf

u erba mitt lira maltin (LM1,400) u cioe aktar minn 85% tal-valur assikurat. Illi fil-fehma tieghu jghid, li meta l-valur tal-hsarat jeccedi is-60% tal-valur taghhom, ikun aktar konvenjenti li l-vettura titqies bhala *beyond economical repair* u tinghata stima tar-*wreck value post accident* li f'dan il-kaz kien ta' LM250. Jghid ukoll li f'kaz li t-tiswijiet saru b'*parts imitation* kif xtaq il-konvenut, il-valur kien ikun ta' LM906 cioe 56.6% tal-valur assikurabbli.

Il-perit tekniku kkonkluda li peress li l-vettura kienet giet manifatturata fis-sena 1990 u kienet diga ghamlet disgha snin fit-triq qabel l-incident, ghaldaqstant ma kienx jikkonvjeni li tigi msewwija b'*parts* originali u kien ikun ahjar kieku giet imsewwija b'*parts imitation* jew *second hand* jew li tigi dikjarata *beyond economical repair.*

Illi sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni jekk il-valur tal-hsara li kellha l-vettura Daihatsu kienx eccessiv jew le, l-Qorti kellha bilfors tappunta perit tekniku sabiex tistabilixxi dan, u dan ghaliex l-ewwel nett hija m'ghandhiex din it-teknika specjali sabiex tistabilixxi il-*quantum* w in oltre, 'n vista tad-dokumenti li gew esebiti dwar prezzijiet ta' *parts*, dan l-esercizzju kien necessarju.

Illi huwa minnu, kif intqal fis-sentenza **Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg** **(**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**) li**

*"Huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu li jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12**, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghamlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami."(***Philip Grima vs Carmleo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farugia** A.C.

28 ta’ Jannar 2000; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenza huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et** (A.C. 23 ta’ Gunju 1967 – Vol. L i 390) fejn intqal li:-

*“Ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b’danakollu, l-giudizio dell’arte espress mill-perit tekniku, ma jistghax u m’ghandux aktar w aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, rragonevoli.”*

Ikkunsidrat:-

Dan il-kaz jittratta dwar talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni konsegwenza t’incident awtomobilistiku li sehh f’Tas Sliema fil-hdax (11) ta’ Frar 1999 bejn Helen Axiaq, l-assikurata tas-socjeta attrici, u l-konvenut Elton Penza. Il-kawza qed tigi istitwita mill-assikurazzjoni ta’ Helen Axiaq billi din hallset lill-assikurata taghha wara l-incident in vista tan-natura *comprehrnsive* tal-polza li kienet tkopri l-vettura ‘n kwistjoni. Ghalkemm fic-citazzjoni nsibu talba ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabilita da parti tal-konvenut ghall-akkadut, din mhux in kawza, billi kif jidher sew mill-verbal tat-tlieta (3) ta’ Novembru 2000 (fol. 12) fejn Dottor Carlo Vigna ghall-konvenut, iddikjara li ma kienx qed jikkontesta r-responsabilita ghall-incident.

Il-konvenut pero hass li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici huwa eccessiv.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:-**

Huwa l-kompitu ta’ din il-Qorti tara li d-danneggjat jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien *status quo antes* u cioe fl-istat li kien qabel ma sehh l-incident. Huwa minnu li

d-danneggjat ma jistax jaghmel ebda qliegh minn tali incident kif sostna l-konvenut, pero minn naha l-ohra, ma jistax imur minn taht meta gja jirrizulta li l-incident ma sehhx tort tieghu. Id-danneggjat irid jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel l-incident, minghajr ma jaghmel qliegh minn fuq dahar haddiehor.

Ghalhekk kollox jiddependi minn fuq il-valur li kellha l-vettura danneggjata qabel l-incident mmaterjali l-fatt kemm kienet ilha barra fit-triq, kif stqarr il-perit tekniku.

Jekk il-valur taghha skond il-*Motor Vehicle Book* kien ta' LM1,700, allura l-Qorti tqies dak l-ammont bhala l-valur rejali taghha. M'ingiebet l-ebda prova li l-vettura kellha xi kundizzjoni hazina jew li l-*pre-accident value* tal-vettura ma kienx wiehed rejali.

Illi ghalhekk, jekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-hsarat ammontaw ghal LM1426.08 w ghalhekk inqas mill-valur stmat fil-polza, l-atturi kienu gustifikati li rrangawha. Ghaliex anke jekk in pessima ipotesi, kellha tigi accettata it-tesi tal-konvenut, li l-vettura allura kellha tigi kunsidrata *beyond economical repair*, kif stqarr l-istess espert tekniku, u tinbiegh bhala *wreck*, xorta d-differenza tal-valur kien ikun ta' LM50. Il-valur tal-vettura *pre-accident* LM1,700 tnehhi il-LM250 tar-*wreck*, jibqa LM1,450. Id-differenza f'dan il-kaz ghalhekk huwa ta' LM23.92. Kien ikollu ragun il-konvenut ighid li t-tiswija ma kienitx meritata f'kaz li l-vettura kienet *over insured* w ghalhekk, il-valur assikurat, ma kienx jirrifletti il-valur rejali ta' LM1,700. Pero dan ma jirrizultax li huwa l-kaz.

Issa f'dan il-kaz, m'ghandniex lil assikurata tghid li l-vettura ma sewwietx tajjeb w ghalhekk, il-Qorti, tohodha li kienet kuntenta b'dak li gara u kien ghalhekk li hija ssurrogat lis-socjeta attrici fid-drittijiet taghha.

Il-konvenut jghid li l-attur messu uza *parts* li kienu *imitation* jew *second hand* sabiex il-vettura ssewwiet stante li ma kienitx gdid.

Il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi l-ewwel nett ghaliex f'kaz ta' *second hand parts* ma tinghatax garanzija u fit-tieni lok, ma jkunx gust li ghandha ssofri d-danneggjata ntortament ghall-azzjoni ta' haddiehor.

Illi huwa minnu li d-danneggjat m'ghandu qatt japprofitta ruhu u ghandu dejjem jimminimizza d-danni, pero mhux a sakpitu ta' dak li qed jipproponi l-konvenut.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Azzopardi vs Farrugia** nhar is-sebgha (7) ta' Novembru 2002, il-Qorti qalet li m'hemmx obbligu li danneggjat jakkwista "*imitation parts".*

Fil-fatt dik is-sentenza tkompli tghid:-

*"Bir-rispett kollu, l-Qorti ma taqbilx ma tali argument ghax karozza hija antika allura bilfors il-parts iridu ikunu imitation. Jekk il-parts li gew miksura kienu originali l-propretarju ghandu d-dritt jinsisti illi dawk il-parts jigu mibdula ukoll b'ohrajn originali. Veru illi huwa obbligu tan-danneggjat illi jimminimizza d-danni pero b'daqshekk ma jfissirx illi ghandu jaccetta li jircievi affarijiet li huma inferjuri minn ta' dawk li diga kellu."*

*Issa f'dan il-kaz ma jirrizultax illi dawk il-parts illi gew miksura ma kienux originali quindi minkejja dawn il-parts kellhom iz-zmien kolu fuqhom il-Qorti jidhrilha illi l-attrici kellha dritt tippretendi li dawna jigu mibdula b'dawk originali ukoll. "*

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti qiset li l-vettura vera kellha diversi hsarat u li l-ispiza reklamata mis-socjeta attrici verament giet imhallsa, tiddecidi li l-istess socjeta ghandha dritt tigbor in-nefqa li ghamlet.

Illi l-konvenut, fl-eccezzjonijiet tieghu, jghid li l-azzjoni kienet wahda ntempestiva. Dwar dan, mill-provi jirrizulta li verament is-socjeta attrici ma kienitx interpellat lill-konvenut sabiex ihallas id-danni sofferti minnu, pero jirrizulta li sid il-vettura, u cioe missier il-konvenut, kien mar jitkellem mas-socjeta attrici w ghalkemm deher li kien

qed jaccetta ir-responsabilita tal-incident, xorta ma riedx ihallas u jghamel tajjeb gha-danni sofferti.

L-istess jista jinghad dwar l-konvenut, li ghalkemm ivverbalizza fl-atti li kien qed jassumi ir-responsabilita tal-incident, qatt m'offra sabiex ihallas, ghalkemm ghaddew ghaxar snin mill-jum tal-incident.

Ghaldaqstant tali eccezzjoni qieghda tigi wkoll michuda.

**Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tal-konvenut dwar ir-resposnabilita tal-incident, il-Qorti qieghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-hdax (11) ta' Frar 1999 f'Tas Sliema bejn il-kontendenti u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici, fis-somma ta' LM1,425,08 ekwivalenti ghal tlett elef tlett mija w ghoxrin euro (€3320) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici dik l-istess somma hekk likwidata ai fini tat-tieni talba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------